



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13962/19

ECOFIN 982
STATIS 66
UEM 340

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Novembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Statistika tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar l-Istatistika tal-UE (8 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE, adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3725 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Novembru 2019 fi Brussell.

Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE*****Laqgħa tal-Kunsill AFFARIJJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI******Brussell, 8 ta' Novembru 2019***

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill ECOFIN dwar l-Istatistika tal-UE ta' Novembru 2018, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM, u b'kont meħud tal-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni l-ġdida 2019-2024, u b'mod partikolari tal-ħtiġijiet ta' statistika li jirfdu l-governanza ekonomika, il-Kunsill ECOFIN eżamina mill-ġdid il-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), l-istatistika tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) u s-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi, u statistika strutturali.

Żviluppi ewlenin fl-istatistika uffiċjali Ewropea

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji jkunu adegwati għall-investiment fl-infrastruttura tal-istatistika u l-manutenzjoni tagħha fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali sabiex is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tissodisfa l-ħtieġa għal statistika uffiċjali regolari ta' kwalità għolja fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, reġjonali u lokali, fil-kuntest tal-isfidi maħluqa mill-globalizzazzjoni u l-avvanzi fit-teknoloġija kif ukoll ir-rekwiżiti tad-data li qed jinbidlu malajr. Il-Kunsill IFAKKAR fl-importanza li jiġi minimizzat il-piż fuq ir-rispondenti u l-ħtieġa li jiġu bbilanċjati domandi statistiċi ġodda b'kisbiet fl-effiċjenza u prijoritizzazzjoni effettiva.

Il-Kunsill JAPPREZZA l-importanza tal-ħidma fuq l-istatistika dwar il-migrazzjoni u d-demografija, u l-iżviluppi fl-oqsma tal-impjiegi, id-diġitalizzazzjoni, l-Unjoni tal-Enerġija, it-tibdil fil-klima, l-ambjent, l-iżvilupp sostenibbli, l-investiment ekoloġiku, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-faqar.

Il-Kunsill JILQA' l-inizjattivi tal-ESS biex jiġu sfruttati sorsi u teknoloġiji ġodda tad-data u jiġu żviluppati metodi innovattivi għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja, rikka u aktar rapida.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi biex tiġi investigata d-disponibbiltà tad-data u l-possibbiltà li tiġi prodotta statistika għall-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża, u JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex jintegra t-tibdil fil-klima fl-oqsma statistiċi rilevanti kollha.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli jwettaq u jtejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ħidma li għaddejja fuq atti ta' implimentazzjoni li jkopru rekwiżiti dettaljati tad-data, id-definizzjonijiet ta' varjabbli statistiċi u speċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali, wara qbil politiku dwar ir-Regolament Qafas li Jintegra l-Istatistika tan-Negozju (FRIBS) u l-adozzjoni tar-Regolament Qafas dwar l-Istatistika Soċjali Ewropea Integrata (IESS).

Il-Kunsill JILQA' l-fatt li, fil-kuntest tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-futur tal-UEM, statistiċi Ewropej ser ikomplu jevalwaw il-ħtiġijiet statistiċi emerġenti relatati, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP).

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2019 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-iżviluppi deskritti fir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2019 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM. B'mod partikolari, il-Kunsill:

JAPPREZZA t-titjib sostanzjali fil-kopertura tal-pajjiż, il-puntwalità, it-tul tas-serje ta' żmien u l-kwalità globali tal-IEEP u JILQA' l-introduzzjoni ta' stimi rapidi tal-impjegi għall-UE u għaż-żona tal-euro minn Novembru 2018 'il quddiem.

JIRRIKONOXXI t-titjib ulterjuri fil-kopertura tal-pajjiż ta' xi IEEP u d-disponibbiltà ġeneralment eċċellenti ta' statistika trimestrali dwar il-finanzi tal-gvern.

JAPPREZZA dan it-titjib u jistenna b'interess aktar progress biex jingħalqu l-lakuni li fadal, JILQA' t-titjib sinifikanti fid-disponibbiltà tad-data tal-ESA 2010 u l-progress bid-derogi tal-ESA 2010, u JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli jaħdem lejn l-iżvilupp tal-indikatur tal-bejgħ tad-djar bi frekwenza trimestrali.

Statistika tal-proprjetà immobbli għal skopijiet makroprudenzjali u oħrajn

Il-Kunsill JENFASIZZA l-interess ġenerali ġġenerat mill-istituzzjonijiet pubbliċi, dawk li jfasslu l-politiki, u l-investituri tas-suq, u b'mod partikolari mill-analisti tal-istabbiltà u s-superviżuri finanzjarji rigward l-indikaturi tal-proprjetà immobbli kummerċjali (CREI), u JILQA' l-ħidma tal-Eurostat dwar l-iżvilupp tal-istatistika meħtieġa.

Il-Kunsill JILQA' d-diversi inizjattivi kemm mill-ESS kif ukoll mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) biex isir progress fil-ħidma kunċettwali fuq l-indikaturi tal-proprjetà immobbli. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI kemm lill-ESS kif ukoll lis-SEBĊ biex jattribwixxu l-importanza u l-urġenza neċessarji lil din il-kwistjoni.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ġbir regolari ta' indikaturi tal-bejgħ tad-djar annwali u trimestrali fuq bażi volontarja. Il-Kunsill JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jibagħtu l-informazzjoni disponibbli jekk din mhix diġà pprovduta.

Statistika dwar il-finanzi tal-gvern u l-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħidma tal-Kummissjoni biex tipprovdi servizz tal-istatistika ta' kwalità għolja fil-qasam tal-istatistika dwar il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) u l-istatistika sottostanti dwar il-finanzi tal-gvern tal-Istati Membri, sabiex jiġu mmonitorjati, implimentati u żviluppati l-politiki ekonomiċi tal-Komunità u b'mod partikolari l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tal-Kummissjoni. Il-Kunsill JAPPELLA lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li d-data statistika kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt ta' riferiment tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż data dwar id-dħul tal-gvern minn fondi tal-UE, tiġi rrappurtata lill-Eurostat. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli jipprovdi kjarifika bikrija tar-regoli statistiċi applikabbli għal investimenti anki fl-oqsma tal-iżvilupp sostenibbli u d-diġitalizzazzjoni.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-progress li sar s'issa fir-rigward tal-introduzzjoni ta' bidliet metodoloġiċi, u JIRRAKKOMANDA bidliet ulterjuri li għandhom jiġu introdotti b'mod aktar strutturat, skedat u rigoruż. Barra minn hekk, il-Kunsill JILQA' l-progress li sar biex jitlestew il-proċeduri fir-rigward tal-gwida metodoloġika. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-hteġa li l-partijiet ikkonċernati kollha jirrispettaw ir-regoli rilevanti, il-Kunsill IFAKKAR fil-hteġa li tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lir-restrizzjonijiet fiż-żmien u r-riżorsi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-gwida u l-punti ta' azzjoni li jirriżultaw minn żjarat ta' djalogu tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-pubblikazzjoni tal-edizzjoni tal-2019 tal-Manwal dwar id-Defiċit u d-Dejn tal-Gvern u l-manwal il-ġdid tal-Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern.

Statistika dwar Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)

Il-Kunsill JILQA' l-progress fil-garanzija tal-kwalità tal-istatistika sottostanti għall-MIP, u JIRRIKONOXXI l-passi meħuda mill-Eurostat u mid-Direttorat Ġenerali tal-Istatistika tal-BĊE biex jiġi implimentat il-Memorandum ta' Qbil.

Il-Kunsill JAPPREZZA r-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS u s-SEBĊ dwar l-istatistika tal-MIP mill-Eurostat u l-BĊE u JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet identifikati fih.

Il-Kunsill JENFASIZZA l-kontributi magħmula mill-komunità tal-istatistika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, dwar statistika rilevanti għall-MIP, u JIRRIKONOXXI l-hteġa li tiġi appoġġata u titkompla l-ħidma biex tiġi pprovduta statistika affidabbli u komparabbli fl-istadji kollha tal-MIP.

Statistika soċjali

Il-Kunsill JILQA' l-progress fil-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali, b'mod partikolari l-kontribut tagħha lit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi tipprovdi data dwar firxa wiesgħa ta' indikaturi. Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-progress li sar lejn it-tlestija tal-pjan għall-modernizzazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex jiżviluppa aktar statistika sperimentali, inkluż il-previżjoni għall-preżent ("now-casting") ta' indikaturi soċjali, li tista' tkun rilevanti fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Il-Kunsill JAPPREZZA l-ftehimiet dwar ir-regolament dwar modi ġodda u integrati għall-ġbir u l-użu ta' data minn sħarriġ soċjali sabiex jiġi appoġġat aħjar it-tfassil tal-politika b'mod ġenerali u l-politika soċjali b'mod partikolari, u JILQA' t-titjib ippjanat fl-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol u l-Istatistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u l-modernizzazzjoni pplanata tagħhom mill-2021 fl-ambitu tar-regolament dwar l-Istatistika Soċjali Ewropea Integrata.

Garanzija tal-kwalità tar-riżultati tal-ESA 2010

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI li flimkien mal-ħidma dwar il-konformità u l-validazzjoni tad-data, il-Eurostat introduċa qafas għal valutazzjoni msaħħa tal-kwalità u matul is-sena li għaddiet inkiseb progress sinifikanti.

Globalizzazzjoni

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-globalizzazzjoni għall-istatistika, inkluż l-attivitajiet biex jiġu mifhuma u mkejla aħjar l-istruttura u l-attività tal-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u biex jiġi identifikat ir-ristrutturar.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI l-kollaborazzjoni bejn l-ESS u s-SEBĊ fi kwistjonijiet ta' globalizzazzjoni biex titrawwem data affidabbli, konsistenti u preċiża fl-istatistika kemm finanzjarja kif ukoll f'dik mhux finanzjarja. Il-Kunsill JAPPOĠĠA inizjattivi li għandhom l-għan li jegħlbu restrizzjonijiet bla bżonn fuq il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti bejn il-kompilaturi tal-istatistika.

Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-ħidma teknika li għaddejja fuq l-Istandards tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (EPSAS), u JIRRIKONOXXI l-progress li sar f'dan il-qasam, irrappurtat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.